**12 ta' Marzu, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A. LL.D.**

**Grazia Mellak, et**

***versus***

**Salvatore Grech**

**Kjamata fil-kawża.**

*Il-bażi għall-kjamata in kawża hija l-komminanza tal-liti u il-kommunanza tiddependi mill-interess. Il-kjamata in kawża trid anki tkun neċessarja għall-integrazzjoni tal-ġudizzju.*

Il-Qorti,

F'din il-kawża il-konvenut, imħarrek biex jisgombra remissa, Nru. 91, New Street, Marsascala u għall-likwidazzjoni u kundanna tad-danni kaġjonati mill-okkupazjoni tiegħu bla titolu, qiegħed strenwament jitlob il-kjamata in kawża ta' Emmanuele Ellul li kien krielu il-fond.

L-atturi qiegħdin jopponu dan il-provvediment, bħala dilazzjoni inutili, mhux anqas strenwament.

Skond il-verbal reġistrat a fol. 10 jirriżulta li t-talba għall-kjamata saret fuq il-bażi li l-imsemmi Ellul dejjem deher quddiem il-konvenut bħala proprietarja tal-fond.

Mill-eżami tad-deposizzjoni tal-konvenut, speċjalment il-parti fl-aħħar tal-"examination-in chief" tiegħu jirriżulta li l-konvenut kien sar jaf min għand Ellul stess li dan Ellul ma kien xejn affattu l-proprietarju u dan żmien qabel ma nfetħet l-kawża instanti. Għalhekk ir-raġuni fuq imsemmija ma tirriżultax u ma tilleġitimax il-kjamata mitluba.

Il-konvenut in segwitu baqa' jinsisti għall-kjamata fuq il-bażi li Ellul issublokalhu bill-kunsens tas-sid. Għalkemm dan mhux reġistrat in verbal id-difensur tal-konvenut (Dr. Cassar Galea) diversi drabi, speċjalment fl-udjenza tal-11 ta' Marzu, 1964, hekk talab.

Biex tifhem xi ftit dan l-inċident il-Qorti ordnat li

Ellul jiġi ingunt bħala xhud u semgħatu.

Fix-xiehda tiegħu Ellul qal li l-unika raġuni li għandhu biex issubloka lill-konvenut hija li fl-okkazjoni meta huh Duminku ċedilhu l-post dan huh kien qallu li it-tabib Montalto (awtur tal-attriċi) kien qal li kollox sew u li jistgħu jagħmlu li jridu basta li il-kera jibqgħu iħallsuh huma. Dan hu "detto del detto" ċar imma ma jneħħix il-fatt li, jekk jiġi kjamat in kważa Emmanuele Ellul jista permezz tax-xiehda ta' huh konċepibilment iġib raġuni favur il-konvenut, salvo għal Qorti li tivvalja il-kredibilita' tal-istess Emmanuele Ellul u ta' huh u il-portata tal-espressjoni li s'issa tidher piuttost vaga — allegatament użata mit-Tabib Montalto li, fuq kollox, illum huwa mejjet.

Kontra ta' dan hemm il-fatt li Emmanuele Ellul jirriżulta li abbanduna l-lokazzjoni żmien ilu u anke ipprojaib maħżen ieħor għall-konvenut, li dan milli jidher ma aċċettax.

Fl-opinjoni tal-Qorti dan huwa "border line" case għall-kjamata in kawża. L-atturi, li milli jidher huma mgħaġġlin għall-post u qiegħdin jippretendu ċerti danni, jopponu li l-kjamata ma jista' jkollha l-ebda utilita' għaliex Ellul ma jistax jiġi kundannat fuq id-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni. Pero' dan mhux essenzjali. Gie diversi drabi deċiż li il-kliem fl-art. 961 Kodiċi Proċedura Ċivili li l-kjamat fil-kawża jista jiġi liberat jew kundannat huwa sempliċement fakoltativi (f'dan is-sens Kollezzjoni Vol. 34 111, 389).

Id-diffikolta' tal-każ qiegħda fl-interess ta' Emmanuele Ellul. Il-bażi għall-kjamata in kawża hija il-kommunanza tal-lit' u il-kommunanza tiddependi mill-interess.

Fis-sentenza pubblikata fil-Vol. XXXII, II, 151, il-kjamata in kważa ġiet miċħuda għax ma kienitx neċessarja għall-integrazzjoni tal-ġudizzju, u fl-istess sens hija s-sentenza fil-Vol. XXIX, II, 970. Fuq din il-bażi jkun hemm raġuni għar-riġett tat-talba f'dan il-kas. Imma ma jidhirx li dik hi l-unika bażi għall-kjamata in kawża. Il-"locus classicus" fil-ġurisprudenza relativament għall-aspett tal-kwistjoni involut f'din il-kawża jidher li huwa Stepton versus Spiteri (Vol. XVI, I, 117) fejn il-Qorti qalet li "del contesto dell'intiera disposizione di quella legge sorge chiaro il concetto che vi e' confuso anche quel terzo che, sostenendo le ragioni sia del attore, sia del convenuto, ed alle volte sia e' propri diritti in confronto si dell'uno che dell'altro, provoca una decisione, entro i limiti dell'azione intentata, la quale stabilisce certi fatti diritti, siano favorevoli siano contrari a lui stesso, senza essere liberato e condannato". Din is-sentenza tal-Onorabbili Qorti tal-appell, ġiet segwita f'sentenza oħra fejn sar studju approfondit talkaż in Libreri vs Staines Vol. XXIX, II, 706.

L-istitut tal-kjamata in kważa fil-bidu tiegħu ma kienx ċar u d-dritt Kanoniku u d-deċizjonijiet tas-Sacra Rota Romana ikkontribwew ħafna fl-isvilupp u l-intendiment tiegħu sakemm illum jinsab piuttost l-użu ampju u elarġit anke, skond it-tgħallim tal-għola Qorti tagħna, bħala strument tal-ekonomija tal-ġudiżju. Fil-monografia ta' Giulio Sabatini "Su l'intervento in Causa" (Torino, Unione Tipografica Editrice 1881) insibu kwotata a pag. 139 nota (2) il-massima tas-Saċra Rota Romana "Levissimae etiam probationes sufficiunt ad effectum tertium vocandi ad causam". U fit-test (ibid) "La prova che la causa sia comune al terzo spetta naturalmente alla parte che ne chiede l'intervento ma anche qui, come in materia d'in-

tervento volontario, non devesi esigere una prova troppo rigorosa, che la certezza della communanza della lite non potra' insultare le molte volte se nose della dissmissione del diritto controverso dopo l'apprezzamento delle prove e dei documenti hinc inde prodotti: Come se l'esser o meno la causa comune dipende dal vedere (u hawnhekk l-awtur jiċċita xi eżempji u jispiċċa biex jiċċita l-eżempji tal-kas issa f'idejn il-Qorti) 'se abbia sullocato l'mmobile col consenso del proprietario e via dicendo".

Apparti milli, għalhekk, jidher li l-ġurisprudenza u id-dottrina piuttost jiffavorixxu lit-talba tal-konvenut, il-Qorti ma tistgħax malgrado l-opposizjoni tal-kontroparti, twarrab mill-konsiderazzjoni tagħha l-insistenza tal-konvenut fuq din it-talba. Jekk hu jinsisti u jekk il-liġi, d-dottrina, il-prinċipji mhumiex kontrarji, anzi pjuttost favorevoli, il-Qorti ma għandiex tneħħilu dan id-dritt. Fuq il-fatti jidher imbgħad li tali intervent jista' jkun utili ħafna *fis-sens li Emmanuele Ellul* allura jkollu jiddikjara sew x'inhi l-posizjoni tiegħu fuq din is-sullokazjoni, u dan, għalkemm momentarjament jista' jidher li itawwal xi ftit il-proċeduri, fl-aħħar analisi jispiċċa biex iqassarhom għax l-Imħallef sedenti b'hekk jottjeni iżjed idea ċara tal-fatti u tal-provi mentri illum, sakemm Ellul jibqa' sempliċi xhud, il-kwistjoni qiegħda tiġi konfusa b'ħafna allegazzjonijiet u konġetturi. Ir-riċerka tal-verita' għandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni.

Għalhekk il-Qorti jidrilha li fiċ-ċirkostanzi għandha tippermetti l-kjamata in kawża u tiddeċiedi dan l-inċident billi tilqa' it-talba tal-konvenut u tordna l-kjamata in kawża ta' Emmanuele Ellul u dan a diliġenza u bi spejjeż provvizorjament tal-konvenut. L-istess Emmanuele Ellul għandhu jiġi notifikat biċ-ċitazzjoni u dikjarazjoni tal-at-

triċi biex jidher fis-seduta tat-2 ta' April, 1964, għalliem ġurnata tibqa differita l-kawża.

Spejjeż riservati għas-sentenza fil-meritu.